TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Nicholas Galdes**

**Vs**

**Tuaco Opticians Ltd**

CCT 175/23/CC

Illum 21 ta' Novembru 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fis-26 ta' Settembru 2023, fejn talab ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €50 (hamsin ewro) rapprezentanti depozitu mhallas minnu lils-socjeta intimata, rigwardanti ordni ta' nuccali tax-xemx bil-vizta.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentat l-ebda risposta, u konsegwentement deheret ir-rapprezentant tas-socjeta fis-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2023.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lil partijiet jixhdu bil-gurament fis-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li r-rikorrenti f'Awissu 2023 ordna nuccali tax-xemx bil-vizta minghand is-socjeta intimata Tuaco Opticians Ltd. Ir-rikorrenti ghadda r-ricetta tal-vista tan-nuccali ma' l-ordni, u hallas depozitu fl-ammont ta' hamsin ewro (€50).

Illi gara li wara xi granet ir-rikorrenti mar ghand is-socjeta intimata, u hekk kif ipprova n-nuccali, huwa ma bediex jara car. Huwa gibed l-attenzjoni dwar dan lir-rapprezentanta tas-socjeta intimata, li da parti taghha ippruvat issolvi s-sitwazzjoni. Ir-rikorrenti jispjega li sussegwentement mar xi darbtejn ohra jipprova n-nuccali, u huwa baqa' ma jarax car bin-nuccali.

Illi Adrianne Despott, rapprezentanta tas-socjeta intimata spjegat lit-Tribunal li l-lentijiet tar-rikorrenti inhadmu darbtejn skond ir-ricetta pprovduta mill-istess rikorrent. Saru anke verifiki mal-laboratorju fejn inhadmu l-lentijiet sabiex jigi zgurat li gew mahduma skond ir-ricetta pprovduta mir-rikorrenti. In vista ta'

dan, is-socjeta intimata irrifjutat li tirrifondi l-ammont ta' hamsin ewro (€50) lir-rikorrenti, u tispjega lit-Tribunal li tali rifuzjoni ssir biss jekk ir-rikorrenti jipprovdi certifikat tat-tabib li l-lentijiet mhumiex l-istess bhar-ricetta tar-rikorrenti.

Illi t-Tribunal jinnota r-rikorrenti ma pprovdiex prova li l-lentijiet mahduma mis-socjeta intimata ma kienux skond il-vizta tieghu, madankollu, t-Tribunal huwa tal-fehma li din ma hijiex raguni sufficjenti li ma jigiex rifuz l-ammont lura. Ir-rikorrenti, galadarba ma kienx sodisfatt bis-servizz moghti lilu, ghandu jigi rifuz l-ammont imhallas minnu, u ma ghandux jinkorri spejjez addizzjonali sabiex jipprovdi dokumenti medici.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielu jipprova l-istanza tieghu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnu ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrent, u jordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €50 (hamsin ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru